**Laqgha Numru 19/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Id-Dsatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 10 t'Awwissu 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli **(li wasal fil-5.40pm)** u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata. **(Ara dok. A)**

Ghal xi hin kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-2 t'Awwissu 2011. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2011.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2011.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **10. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 18/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2011.

**46/3067/11/I** 17/05/2011 Email minghand l-Adventure Camping Shop fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-koperazzjoni li sab sabiex saret il-fiera tal-kampijiet u talab sabiex il-Kunsill

jinfurmah meta ghandu l-hsieb li jaghmel l-attivita' ghaz-zghazagh.

2.01. B'riferenza ghall-**Minuti 18/K6/2011** item 2.01, ghall-**Minuti 16/K6/2011** item 2.01, ghall-**Minuti 14/K6/2011** item 6.13 u ghall-korrispondenza numru **46/3067/11/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill ghandu jsib data halli tigi organizzata din l-attivita', kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li din l-attivita' ghandha ssir f'xi granet bejn is-7 u s-16 ta' Settembru 2011, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill kien ircieva twegiba li ghandha tigi diskussa aktar il-quddiem.

2.02. B'riferenza ghall-**Minuti 18/K6/2011** item 6.02 u 6.03 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li waqt li kien ghall-ftuh ta' l-Ambaxxata l-gdida Amerikana, gie rrakkomandat minn Ms. Mary Louise Azzopardi li hija d-Direttrici l-gdida, li l-Kunsill ghandu jaghmel zjara lill-facilitajiet ta' audio visual u l-librerija ta' l-Ambaxxata kif ukoll fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jaghmel din iz-zjara kulturali u edukattiva f'Settembru li gej, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva twegiba li tali mawra ma tistax issir ghall-pubbliku. **(Korrispondenza rif. 46/4712/11/I)**

**46/4296/11/I** 08/07/2011 Memo 60/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar skema EGOV4U ghall-Kunsilli Lokali, liema skema min jintghazel ser jinghata grant ta' €5,000 li jkopri 62.5% ta' l-ispiza bil-kumplament ikun irid jigi ffinanzjat mill-Kunsill.

2.03. B'riferenza ghall-**Minuti 18/K6/2011** item 8.21 u ghall-korrispondenza numru **46/4296/11/I** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jippartecipa f'din l-iskema, is-Sindku Joe Zammit qal li l-applikazzjoni kien ser jiehu hsieba fil-jiem li gejjien.

**46/4315/11/I** 11/07/2011 Email minghand id-delegat ta' Montpellier jitlob li jkun jaf min u kemm ser jattendu partecipanti ghall-isteering meeting li ser isir bejn it-12 u 13 ta' Ottubru dwar il-progett MEDSTRATEGY.

2.04. B'riferenza ghall-**Minuti 18/K6/2011** item 8.31 u ghall-korrispondenza numru **46/4315/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li din kienet ser tigi diskussa f'laqgha ohra, kif ukoll fejn kien ippropona li biex ghal-laqgha li jmiss tal-programm Medstrategy gewwa Montpellier ghandhom jattendu l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat, il-kelliem qal li jekk minhabba x-xoghol il-Vici Sindku ma jkunx jista' jattendi, allura jattendi huwa bhala Sindku jew xi membru iehor.

2.05. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4399/11/I** 13/07/2011 Ittra minghand id-Direttorat ghat-Tmexxija tal-Propjeta' fejn baghtu reminder sabiex il-Kunsill jibghat 3 kopji tal-pjanti approvati mill-MEPA rigward il-hajt bejn il-Kunsill u l-Verdala International School.

2.07. B'riferenza ghall-**Minuti 18/K6/2011** item 8.41 u ghall-korrispondenza numru **46/4399/11/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprovdi kopja tal-pjanti kif mitlub, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm saru diversi komunikati mal-Perit, dawn il-pjanti kienu ghadhom ma waslux ghand il-Kunsill.

2.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li kellu nformazzjoni minghand il-Perit li ser jipprovdi dawn il-pjanti fil-jiem li gejja.

2.09. B'riferenza ghall-**Minuti 18/K6/2011** item 13.05 fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li ser issir spezzjoni sabiex tkun tista' tinhareg il-works order ghall-qlugh tal-palm kif ukoll li kien ippropona wkoll li jigu ffirmata l-kuntratti rispettivi ladarba ssir l-ispezzjoni u jinhargu l-works orders relatata, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ispezzjoni ser issir fil-jiem li gejja.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 060/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 18/K6/2011 u 19/K6/2011 **(Ara dok. B) u Internal Memo 061/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 18/K6/2011 u 19/K6/2011. **(Ara dok. C)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

***4.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fil-5.40pm.***

4.02. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kienet saret laqgha mar-rapprezentant ta' Baystreet is-Sur Philip Galea **(Rif. 46/4600/11/I)** rigward attivita' marbuta ma' Clean up the World ghas-Sibt 24 ta' Settembru bejn id-9.00am u l-11.00am. Il-kelliem qal li l-Kunsill huwa mitlub biss biex jipprovdi trakk jew van biex l-imbarazz li jingabar minn nies li ser jiehdu sehem, ikun jista' jingarr kif ukoll li l-Kunsill jindika s-siti li jrid li jitnaddaf. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jappogja din l-inizjattiva kif ukoll li l-attivita' issir fis-sit ta' bejn il-facilitajiet sportivi ta' Pembroke Athleta u l-Bajja ta' Pembroke u xi post iehor jekk ikun possibbli fl-akwati ta' San Patrizju.

4.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

4.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrefera ghall-mistoqsijiet li ghamlet fl-ahhar laqgha il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fejn informa lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u lill-Kunsill li dawn il-mistoqsijiet kienu diga gew ezawriti fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija fejn ma kien irrizulta xejn milli qed tistaqsi. Il-kelliem qal li sahansitra kien hemm risposta fuq dan mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. **(Ara dok. D - Rif. 46/4709/09/I)**

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-21 ta' Lulju u l-10 t'Awwissu 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/4529/11/I
21/07/2011
Ittra minghand Dr. John L. Gauci, f'isem Bonnici Brothers Ltd. fejn b'riferenza ghal tender 2/2011, informa lill-Kunsill li mhux accettabbli u li jekk hemm xi problemi finanzjarji bejn il-Kunsill u l-Gvern, dan imissu qatt

ma' hareg it-tender.

6.02. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4529/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-ittra ghandha tintbaghat lill-Avukat tal-Kunsill ghall-parir legali tieghu.

6.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4559/11/I 22/07/2011 Booklet minghand il-JGC Ltd. fejn baghtu nformazzjoni fuq il-play equipment li joffru.

6.05. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4559/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera.

46/4562/11/I 25/07/2011 Ittra minghand il-Qorti tal-Magistrati fejn baghtu kawza l-qorti mibghuta mill-Alternative Technologies li ser tinstema' nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru 2011 fid-9.00am.

46/4703/11/I 08/08/2011 Email minghand l-Avv. Luciano Busuttil jinforma lill-Kunsill li biex issir risposta legali hemm spiza ta’ €161.65.

6.06. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4562/11/I u 46/4703/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza diga ntbaghtet lill-Avukat biex jaghmel ir-risposta necessarja u ppropona li jsir il-hlas legali dovut biex issir ir-risposta.

6.07. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4572/11/I 25/07/2011 Email minghand il-MEUSAC fejn staqsiet jekk il-Kunsill huwiex interessat li jiehu sehem fil-programm 'Europe for Citizens - Measure 1.2 Network of Twinned Towns'.

6.09. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4572/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba li z-zmien jiskadi fl-ahhar ta’ Settembru u minhabba z-zewg programmi tal-EU li ghandu l-Kunsill bhalissa, mhux possibbli li l-Kunsill jippartecipa ghal din is-sena f’dan il-programm.

6.10. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4574/11/I 25/07/2011 Kwotazzjoni ta’ €893.47 minghand l-Office Group ghal parts li ghandhom bzonn jinbidlu fil-photocopier.

6.12. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4574/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jordna dan ix-xoghol ta’ manutenzjoni ta’ rutina.

6.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4575/11/I 25/07/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar it-talba biex isir Traffic Management u Impact Assessment staqsew lill-Kunsill x'gieghlu jmur kontra l-parir ta’ Transport

Malta.

46/4670/11/I
29/07/2011
Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-email tal-Kunsill dwar it-talba ghal Traffic Management u Impact Assessment informa lill-Kunsill li d-Dipartiment huwa ta' l-opinjoni li l-Kunsill ghandu joqghod fuq il-parir ta' Transport Malta.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4575/11/I u 46/4670/11/I** is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-ittra li huwa baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fuq dan il-punt **(Rif. 46/4603/11/O)** fejn qal ukoll li r-residenti koncernati diga gew infurmati bir-risposti li rcieva l-Kunsill.

6.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lis-Sindku x'pozizzjoni ser jiehu l-Kunsill issa f'dan l-istadju.

6.17. Is-Sindku Joe Zammit qal li fid-dawl tar-risposta tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, ippropona li l-Kunsill jitlob il-parir legali ta' l-Avukat sabiex il-Kunsill ikollu nterpretazzjoni legali tieghu.

6.18. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4592/11/I
26/07/2011
Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghat ir-Rapport tal-Awditur Generali ghas-sena 2009 u talab il-kummenti tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn nhar il-Gimgha 19 ta' Awwissu 2011.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4592/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien diga rrisponda lid-Dipartiment fuq dan is-suggett. **(Rif. 46/4598/11/O)**

46/4647/11/I
28/07/2011
Email minghand l-Avukat Dr. Luciano Busuttil fejn baghat kopja ittimbrata tal-protest gudizzjarju li l-Kunsill ghamel kontra Transport Malta.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4647/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kopja tal-Protest Gudizzjarju kien intbaghat lir-residenti kif kien approva l-Kunsill apparti wkoll li gie ppubblikat ukoll fil-media lokali.

46/4658/11/I
28/07/2011
Memo 65/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Lokali rigward skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4658/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jerga' jissottometti l-istess proposta tas-sena li ghaddiet forsi din is-sena tigi milqugha.

6.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li ghandhom jigu nfurmata l-AFM bhal ma gara s-sena li ghaddiet.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4659/11/I
28/07/2011
Email minghand il-librara Lara Calleja fejn talbet biex il-Kunsill jerga' jikkunsidra li jnehhi l-kotba li huma large prints minhabba li hadd ma johodhom.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4659/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li la dan is-suggett kien diskuss fl-ahhar laqgha, d-decizjoni mehuda hija finali u ghandha tigi rispettata.

6.26. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-librerija hija joint venture mad-Dipartiment u ghalhekk kien tal-parir li jekk hemm talba persistenti mill-librara, huwa kien ta’ l-opinjoni li l-Kunsill ikun ghaqli jekk jikkonsulta mad-Dipartiment dwar dan.

6.27. Fid-dawl ta’ dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jikkonsulta mad-Dipartiment ghall-Libreriji Pubblici dwar it-tnehhija ta’ dawn il-kotba.

6.28. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4673/11/I 29/07/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghax-xoghol li sar f'Juno Flats informa lill-Kunsill li x-xoghlijiet li saru fil-bitha huma meqjusa bhala donazzjoni u talab biex ghal tali xoghlijiet nirreferu ghall-iskemi li hargu l-Awtorita' tad-Djar.

6.30. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4673/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk ir-residenti jixtiequ ghandha issir laqgha mar-residenti tal-blokk kollu halli jekk iridu, jiffurmaw kumitat tar-residenti u wara l-Kunsill ikun jista’ japplika ghall-iskema mahruga mill-Awtorita’ tad-Djar ghall-Manutenzjoni tal-Komun, fejn l-ewwel darba x-xoghol ikun iffinanzjat mill-Awtorita’ u wara jridu jiehdu hsiebu r-residenti stess.

6.31. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.32. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra.

6.33. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.34. F’dan il-hin il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghaddha xi rimarki lill-Kunsillier Joe Brincat fejn ta’ l-ewwel stqarr li din ser issir minhabba kummenti li ghamel il-Kunsillier Joe Brincat filwaqt li l-Kunsillier Joe Brincat wiegeb li huwa kellu dmir li jistaqsi mistoqsijiet.

46/4674/11/I 29/07/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-email li baghtna dwar ir-relazzjoni li jista' jkun hemm bejn il-Vici Sindku u l-kuntrattur Shawn Farrugia talab biex nirreferu ghal-ligi u jekk ikun il-kaz niehdu parir legali minghand l-avukat tal-Kunsill.

6.35. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4674/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta’ l-ittra li baghat il-Kunsill kif ukoll ir-risposta li rcieva minghand id-Dipartiment ghandhom jintbaghtu lill-Avukat tal-Kunsill kif ukoll jigi nfurmat li mill-investigazzjonijiet li kienu saru mill-Pulizija ma kien irrizulta xejn.

6.36. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4685/11/I 01/08/2011 Kontroprotest ta’ l-Awtorita’ ghat-Trasport ta’ Malta bhala risposta ghall-protest gudizzjarju li ghamel il-Kunsill.

6.38. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4685/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4692/11/I 01/08/2011 Email minghand is-Sur Ernst Westphal fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill talab ninfurmawh bis-sigar li huma pubblici u minn fejn jista'

jakkwista z-zerriegha taghhom u nforma l-Kunsill li fl-ahhar gimgha ta' Settembru ser ikunu Malta u se jkunu qed joqghodu f'Tas-Sliema u talab biex jiltaqa' mal-Kunsill u anke il-permess tal-Kunsill biex jikkomunika mal-Ambaxxatur Germaniz.

6.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4692/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni biex is-Sur Westphal jitkellem ma' l-Ambaxxatur Germaniz u l'iva meta jkun Malta, jekk ikun possibbli, ghandha ssir laqgha mieghu.

6.40. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4702/11/I 01/08/2011 Email minghand il-Covenant of Mayors fejn informaw lill-Kunsill li d-dokument li sottomessa l-Kunsill ta' SEAP ma lahqux ir-rekwiziti necessarja u talbu biex nirreveduh sa sitt xhur ohra.

46/4733/11/I 03/08/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab biex l-email li baghtu ta' SEAP tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

6.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4702/11/I u 46/4733/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kopja ta' l-email ghandha tintbaghat lill-kumpanija li kienet ghamlet ir-rapport u jintalbu l-kummenti taghhom ghar-rapport.

6.43. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4708/11/I 02/08/2011 Email minghand Adventure Camping Shop fejn b'riferenza ghall-camping ghaz-zghazagh informa l-Kunsill li d-dati li jista' jsir il-camping huma jew fis-17 jew fl-24 ta' Settembru 2011 u jkollhom bzonn 4 extinguishers powder, 1 extinguisher C02 u extinguisher foam. Informa l-Kunsill li matul il-gurnata ser jorganizaw lectures fuq first aid, fire fighting, roping u health & safety u filghaxija ser jiehdu hsieb huma biex jorganizzaw BBQ u jorqdu l-lejl u fl-ahhar talab laqgha mal-Kunsill.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4708/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li din l-attivita' ghandha ssir bejn nhar is-Sibt 17 u l-Hadd 18 ta' Settembru 2011.

6.46. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill m'ghandux il-materjal mitlub u ghalhekk ikun ghaqli li dan ghandu jigi provdut mill-kumpanija stess bhali parti mill-attivita'.

6.47. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-materjal li hemm bzonn ghandu jigi provdut mill-kumpanija u l-attivita' ssir fil-parkegg tal-Kunsill.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4712/11/I 02/08/2011 Email minghand l-Ambaxxata Amerikana fejn irringrazzjat lill-Kunsill ta' l-ittra li baghtna izda nfurmathom li ma jistghux jaghmlu tours ghar-residenti fil-bini l-gdid ta' l-ambaxxata izda stiednu l-membri tal-Kunsill u talbu nissugerixxu data. Fil-laqgha issuggerixxew li niddiskutu xi attivita' flimkien.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4712/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir zjara ta' kortezija fl-Ambaxxata gdida f'Ta'Qali f'xi data li tkun ta' konvenjent ghall-Ambaxxata.

6.50. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4715/11/I 02/08/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-iskema ta' finanzjament ta' progetti specjali fejn il-Kunsill applika biex tinbena giebja ghall-ilma tax-xita fil-lokal informat lill-Kunsill li jekk ikollna aktar dettalji nibghatuhom biex jigu nkluza ma' l-applikazzjoni.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4715/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jinforma lil TM rigward dan in-nuqqas kif ukoll lill-Ministru George Pullicino kif jistghu jaghtu l-ghajnuna taghhom. Il-kelliem qal li minnaha tal-Kunsill ghandu jittiehed parir tal-perit fejn l-ahjar li tista' ssir il-giebja.

6.53. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li diga kienet ittiehdet decizjoni fil-laqgha precedenti li l-Kunsill jikteb il-perit ghall-istima.

6.54. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4746/11/I 04/08/2011 Ittra minghand il-WasteServ Malta Ltd. Dr. Victor Scerri fejn talbu biex fi zmien gimgha nhallsu s-somma dovuta ta' €2,614.90 ghal rimi ta' skart fi propjeta' amministrattiva sa Dicembru 2010 u jekk ma jsirx il-hlas ser jiehdu passi ulterjuri.

46/4785/11/I 04/08/2011 Email minghand l-AKL fejn b'riferenza ghall-ittra li qed jircievu l-Kunsilli minghand il-WasteServ dwar hlasijiet talbu biex hadd ma jirrispondi l-ittri legali u nibghatu kopja ta' l-allokazzjoni dettaljata ghas-sena 2010 il-parti ta' tipping fees u l-ammont li l-hallas il-Kunsill fl-2010.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4746/11/I u 46/4785/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jimxi mad-direttiva ta' l-AKL.

6.57. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4769/11/I 05/08/2011 Email minghand l-Agenzija Zghazagh Ms. Josette Camilleri fejn informat lill-Kunsill li hija kuntenta hafna li se nippartecipaw fil-Kunsill Lokali Zghazagh u se jaghmlu minn kollox biex jinstabu bizzejjed partecipanti u baghtet poster biex ihajjar liz-zghazagh.

6.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4769/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona la darba fl-ahhar laqgha l-Kunsill approva li jitwaqqaf il-Kunsill taz-zghazagh, allura l-Kunsill ghandu jqassam dan il-brochure biex japplikaw iz-zghazagh. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaghmel uzu mis-servizzi tal-kumpanija 3 Distribution Limited, servizz li qabel diga kien jintuza mill-Kunsill.

6.60. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4782/11/I 05/08/2011 Email minghand Roccalumera fejn baghtet xi prezzijiet ghall-akkomodazzjoni gewwa l-lukanda La Piramide bejn it-3 u l-5 ta' Settembru

kif ukoll infurmaw lill-Kunsill li t-trasport mill-ajruport ghal-lukanda u lura ser ikun provdut minnhom minghajr hlas.

6.62. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4782/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ghandha tintbaghat cirkulari lir-residenti ghal min jixtieq jattendi ghal din il-mawra skond ir-rati provduti minn Roccalumera kif ukoll li l-vjagg ghandu jsir bil-bahar permezz tal-Virtu Ferries.

6.63. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4789/11/I 05/08/2011 Email minghand Roccalumera fejn talbu biex il-Kunsill jerga' jirrevedi l-pozizzjoni tieghu u jippartecipa fil-progett ENVOY.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4789/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Budget allokat m'huwiex bizzejjed sabiex il-Kunsill ikun jista' jospita din il-Konferenza u minhabba l-finanzi ristretti tal-Kunsill mhux possibbli li l-Kunsill jidhol ghal dan il-progett. Il-kelliem qal li bil-vot allokat mhux possibbli jiffinanzjaw il-biljetti ta' l-ajru, lukandi, ikel, trasport u attivitajiet ghall-membri kollha tal-grupp.

6.66. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4796/11/I 08/08/2011 Email minghand Ms. Lara Calleja fejn informat lill-Kunsill li se tkun imsiefra bejn is-7 u 12 ta' Settembru u talbet il-permess tal-Kunsill biex tibda tinforma lill-persuni li jzuru l-librerija.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4796/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jawtorizza dan il-vacation leave u titwahhal notifika mal-bieb.

6.69. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4822/11/I 09/08/2011 Ilment minghand il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli dwar l-atteggjament tas-sur Karmenu Mazzitelli fil-konfront tieghu fejn qed jilmenta li qed jigi mhedded kif ukoll talab li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur Shawn Farrugia sabiex inehhi minn Pembroke lis-sur Karmenu Mazzitelli u lis-sur Joseph Caruana.

46/4824/11/O 09/08/2011 Ittra li l-Kunsill baghat lill-kuntrattur Shawn Farrugia fejn intalab jindaga l-ilment li wasal ghand il-Kunsill u jirraporta lura lill-Kunsill bir-risposta tieghu.

46/4839/11/I 09/08/2011 Dikjarazzjoni mis-sur Joseph Caruana u mis-sur Karmenu Mazzitelli dwar l-ilment tal-Vici Sindku fejn innegaw il-kummenti li saru u fejn is-sur Caruana zied li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien aggressiv fil-kummenti tieghu lejh apparti li allega li l-Vici Sindku stqarr li l-kuntratt li hareg ghax-xoghol li bhalissa qed isir mill-kuntrattur Shawn Farrugia, dan ser jinghata lil tal-Gbir ta' Skart jew lill-kuntrattur tal-Gbir ta' Skart Goff.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4822/11/I, 46/4824/11/O u 46/4839/11/I** is-Sindku Joe Zammit ipperezenta lill-Kunsill kopja tal-korrispondenza relatata. **(Ara dok E, F u G)**

6.72. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kien hemm kaz fejn il-haddiem Karmenu Mazzitelli tal-kuntrattur Shawn Farrugia kien aggredih fil-prezenza tas-Sindku Joe Zammit. Il-kelliem talab lis-Sindku biex jikkonferma dan.

6.73. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien qed jisma l-kummenti li kien qed jaghmel il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

6.74. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa qed jitlob li l-haddiema Karmenu Mazzitelli u Joseph Caruana tal-kuntrattur Shawn Farrugia ghandhom jitwaqqfu milli jkomplu jahdmu fil-lokal. Il-kelliem qal li kull meta jiltaqa' mal-haddiema tas-sur Shawn Farrugia huwa qed jigi mhedded fejn qal li ma jhossx li qed ikun sigur la fil-lokal, la fil-Kunsill u lanqas fid-dar tieghu. Il-kelliem irrimarka wkoll li fil-passat kien hemm kazijiet li s-sur Karmenu Mazzitelli (haddiem ta' Shawn Farrugia) aggredixxa lis-sur Raymond Allison ex haddiem tal-Kunsill li kien assenjat mill-ETC u lill-ex kuntrattur Wilson Mifsud. Il-kelliem qal li qed jitlob l-appogg tal-Kunsilliera u qal li kien ser iressaq mozzjoni f'dan is-sens fil-laqgha li jmiss. Il-kelliem semma wkoll il-kaz li fil-passat kellha l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma' haddiem tal-gbir ta' l-iskart fejn il-Kunsill kien ha azzjoni u kien talab lill-kuntrattur biex iwaqqaf lill-haddiem involut fil-kaz.

***6.75. Fis-6.45pm il-Kunsillier Lauro Fava talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta' l-LES. Il-kelliem qal li s-sistema ta' Pooling ser tispicca fil-31 ta' Awwissu 2011 u l-Kunsill ser jibda jircievi kontijiet tas-servizzi relatata fejn ser jintalab li jsir il-hlas dovut. Il-kelliem qal li fil-Kumitat Kongunt kien hemm qbil li l-hlasijiet isiru meta jkun hemm dhul relatat f'kull Kunsill.

7.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill ma jistax jaghmel hlas lill-kuntratturi li m'ghandux kuntratti maghhom. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li s'issa l-Kunsill ghad ma rcieva ebda dokument li jindika li l-Kumitat Kongunt ser ikun xolt inkluz li ser jigi xolt il-kuntratt tal-pooling.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li b'dispjacir ma setax jakkumpanja lill-grupp l'attendew ghall-attivita' ta' gurnata bahar l-Ghadira minhabba li beda jahdem xoghol gdid.

8.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li filghodu akkumpanja lill-grupp sal-post indikat u wara li ra li kulhadd kien settled mar fuq ix-xoghol tieghu. Il-kelliem qal li rega' mar mal-grupp wara li spicca x-xoghol fis-siegha fejn qal li l-grupp urew ix-xewqa l-istess bhal ma ghamlu l-grupp l'attenda l-harga ghal Ghawdex biex issir attivita' 'Gozo by Night' xi darba it-Tnejn.

8.03. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2011 issir din l-attivita' fejn nitilqu minn Malta mal-vapur ta' l-4.30 pm, ninzlu nghumu, wara ikla, wara l-ikla dawra m'Ghawdex u jekk ikun hemm xi festa nzurugha u wara xi hin lura lejn Malta.

8.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghal din l-attivita' jridu jingabru l-kwotazzjonijiet, liema kwotazzjonijiet iridu jigu approvata mill-Kunsill u wara tkun tista' ssir l-attivita'.

8.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. H, I u J)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati.

9.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-kontijiet kollha gew approvati unanimament ghajr ghall-wiehed mill-kontijiet tal-kuntrattur Shawn Farrugia fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota favur il-kont taz-Zamma u t-Tindif tas-Soft Areas izda kontra li jsir hlas ghax-xoghol tat-Tindif tat-Toroq Urbani u taz-zoni Mhux Urbani.

9.05. Il-mozzjoni ghaddiet u l-kontijiet gew approvata.

9.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li l-ewwel kien ser jitlob li jkun hemm tnaqqis mill-hlas tal-kont tas-sur Shawn Farrugia, izda wara vvota kontra li jsir il-hlas u hawn ipprezenta sensiela ta' ritratti tax-xoghol li qal li ma sarx. **(Ara dok. K, L, M u N)** Dwar il-knis il-kelliem qal li fejn suppost li kull Triq tinkines darbtejn fil-gimgha, l-akwati ta' Juno Flats damet gimghatejn biex tinkines u z-zona ta' St. Patricks ilha 3 gimghat ma tinkines. Il-kelliem qal ukoll li Triq l-Imhallef William Harding ilha gimghat ma tinkines u Triq Patri Indri Vella ilha ma tinkines xahar.

9.07. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li fil-passat qatt ma kienu pprezentati ritratti u ghalhekk staqsa jekk b'dak li kien qed jghid il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ffissirx li ma kien sar xejn xoghol. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona l'issir laqgha mal-kuntrattur Shawn Farrugia fuq il-kummenti tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

9.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrimarka li din il-laqgha ghandha ssir waqt il-hinijiet ta' l-ufficcju.

## 10. Materji ohra.

10.01. Il-Kunsillier Joe Brincat irrimarka ghall-problema tal-BBQ fejn qal li l-Kunsill ghandu jsib soluzzjoni.

10.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill japprova li jibdew isiru BBQ's fl-akwati tal-Bajja ta' Pembroke.

10.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona l'issir mera fi Triq Tobruk.

10.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li ghandha tinkiteb ittra lil TM dwar meta ser isiru t-tabelli u l-marki tat-traffiku relatata wara li sar ix-xoghol ta' road resurfacing.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjoni biex tigi rrangata l-bieba tal-giebja ta' San Patrizju minhabba li mhux possibbli ghall-WSC li taghmel dan ix-xoghol.

10.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ghandu jigi avvicinat il-handyman li kellu l-Kunsill.

10.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.11. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-kwotazzjonijiet li kien ircieva l-Kunsill biex isiru korsijiet tal-kompjuters ghar-residenti fejn kienu applikaw it-TCTC u Horizons, fejn qal li wara li l-Kunsill ircieva r-risposta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, il-Kunsill ghandu jaghzel l-offerta ghas-servizz tal-Horizons Ltd. u ghalhekk titqassam ic-cirkulari biex b'hekk il-Kunsill ikun ghamel uzu mis-servizz kemm tat-TCTC (fil-passat) u din id-darba tal-Horizons Ltd.

10.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li decizjoni dwar dan kienet diga ttiehdet fejn il-Kunsill ghazel iz-zewg offerti. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li ma setax isir dan it-tqassim minhabba li dan imur kontra l-Att Artiklu 63A. **(Ara Dok. O - Rif. 46/4097/11/I)**

10.13. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza dwar l-iskip li tnehhiet bi prova minn quddiem Blk 7 fi Triq l-Imhallef William Harding fejn qal li qed ikun hemm hafna tgergir mill-istess persuna li ma riditx l-iskip ghax qed jintrema skart xorta. Il-kelliem qal li minnaha l-ohra r-residenti ta' Blokk 7 qeghdin fi zvantagg mid-door-to-door u ghalhekk il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jigbor l-informazzjoni ta' CCTV cameras bhal ma hemm fejn l-iskips ta' separazzjoni f'San Gwann li jahdmu bil-panelli fotovoltajici u fl-istess hin tintalab l-ghajnuna tal-kumpanija tas-separazzjoni ta' l-iskart ghall-finanzjament. Il-kelliem qal li wara li tigi din l-informazzjoni, ghandha ssir diskussjoni fil-Kunsill u tittiehed decizjoni finali.

10.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li prezentament fil-lokal hawn zewg skips (Bins on wheels) nieqsa u staqsa x'ser jigri.

10.17. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntrattur Philip Seguna ghandu jintalab li sa l-ahhar t'Awwissu ghandha titpogga skip quddiem Blk 7 fi Triq l-Imhallef William Harding u wara l-Kunsill jara jekk issirx dik ta' Triq Tobruk.

10.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur Philip Seguna talab biex fi Triq Ferdinand Gregh kantuniera ma' Triq Giorgio Mitrovich jitnehha parkegg minhabba li ma jkunx jista' jdur bit-trakk. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

10.21. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.23. Il-Kunsillier Joe Brincat gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-binja li bhalissa hija okkupata minn Red Cross Malta qed jinzamm ziemel u dan ghandu jitnehha mmedjatament. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jiehu passi.

10.24. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.26. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li TM ghandhom jintalbu biex isebbhu r-roundabout gdida li saret quddiem il-Kunsill.

10.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.29. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-kwotazzjoni ta' Infinite Fusion Technologies (46/4861/11/I) fejn ippropona li l-Kunsill jaccetta l-istima kif sottomessa u ghandu jigi ordnat l-installazzjoni tas-software, il-manutenzjoni necessarja tal-kompjuters li jintuzaw mill-pubbliku u x-xiri tal-wifi routers bi spiza li m'ghandiex taqbez il-limitu ta' Direct Order.

10.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.32. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hemm bzonn li tinxtara photocopy paper u xi stationery.

10.33. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jigi awtorizzat jixtri l-istationery u l-karti li hemm bzonn.

10.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.36. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li jsir l-isem ta' Trejqet Patri Odorik Grima.

10.37. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.39. Il-Kunsillier Joe Brincat qal li l-kollettur tal-gbir ta' l-iskart mis-seperazzjoni bins qed ikisser il-kurduni kollha. Il-kelliem talab li jsir kuntatt mal-kumpanija sabiex jirrangaw il-hsara.

10.40. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir tombla BBQ night nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu fil-parkegg ta' hdejn il-Kunsill fejn il-prezzijiet m'ghandhomx ikunu t'aktar minn €15.00 ghall-kbar u €12 ghat-tfal, liema prezz jinkludi l-ikel, xorb (it-tfal - burgers u zalzet, il-kbar laham u tigieg, luminata u tazza nbid + antipasto ghal kull persuna) u entertainment. Il-kelliem ippropona wkoll li l-imwejjed u siggijiet ghandhom jigu ordnati minghand il-kumpanija li offrew is-servizzi taghhom f'Jum Pembroke.

10.41. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.43. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.15pm wara li fakkar lill-Kunsilliera li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 31 ta' Awwissu 2011 fil-5.30pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***